# Il-Weġġħa tal-Umanità
## Minn Gaża għall-Belt Valletta

**Kenneth Busuttil**, għalliem fl-Iskola Islamika Mariam Al Batool

*It-Torca*, 11 ta' Jannar, 2009

Ma nistgħux insoddu widnejna u nagħlqu għajnejna għall-ħruxija li qed iġarrbu l-Palestinjani f'Gaża. U dan mhux għax qegħdin fl-istess baħar Mediterran, imma għax l-inġustizzja ħonqot il-proċess tal-paċi u tat aktar saħħa lill-mibegħda. It-tilwim u l-indħil żejjed minn terzi wassal għall-gwerra li fil-bidu kienet kemxejn bierda, imma maż-żmien żviluppat f'waħda ddikjarata. Wieħed irid jikkundanna l-elementi negattivi, ġejjin minn fejn ġejjin, imma trid issir ukoll riflessjoni bis-serjetà biex naraw x'wassal għal dak li llum jidher l-eku tal-imgħoddi. L-istorja tal-Palestinjani u l-Lhud ma bdietx il-bieraħ. Ilha għaddejja għal snin sħaħ u nemmen li llum il-ġurnata kulħadd għandu opinjoni ċara fuq din is-sitwazzjoni. Min jaqra, ifittex, jisma' jew jara mezzi differenti tax-xandir żgur li jaf kif bdew il-ġrajjiet fil-Lvant Nofsani.

Ma tridx tkun wisq għaref biex tinduna li l-Poplu Palestinjan qed isofri. Ma tridx tkun xi studjuż tal-istorja biex tifhem il-fatti u l-loġika. Ma tridx tkun xi professur biex tisma' l-karba ta' poplu li m'huwa jitlob xejn ħlief dak li hu tiegħu bi dritt! Il-karba Palestinjana waslet ukoll fi gżiritna. Forsi ġabha r-riħ tqil li għal dawn l-aħħar jiem nefaħ b'saħħtu sentiment qawwi ta' diqa b'togħma ta' dmija. Ir-rispett uman spiċċa għal kollox għax sfortunatament qed tirrenja l-liġi tal-ġungla! Min hu b'saħħtu qed ikasbar u joqtol bla ħniena lil min hu dgħajjef, lil min hu żgħir u lil min hu vulnerabbli. Ħafna huma ppreokkupati bis-silenzju ta' madwarna, għax ngħiduha kif inhi, għall-biża' li hemm bħalissa f'Gaża, fid-dinja hawn l-apatija.

Li wieħed jitħassar u juri d-dispjaċir tiegħu m'huwiex biżżejjed. Sinċerament nemmen li għadu ma sarx sforz biżżejjed biex jinstab ir-rimedju. Ġenerazzjonijiet sħaħ telqu u oħrajn qed jinbtu, imma l-problema bejn il-Lhud u l-Palestinjani għadha fuq l-aġenda u milli jidher fadlilha ftit mhux ħażin biex tibda tiġi diskussa b'serjetà, b'oġġettività u b'dedikazzjoni favur il-ġustizzja. Għal ħafna (inkluż jien), Gaża tibqa' art il-Palestinjani u l-għajta biex issir ġustizzja se tibqa' tidwi mal-erbat irjieħ tad-dinja. Il-mistoqsija hi dwar kemm hemm widnejn li qed jisimgħu krib il-Palestinjani? Xi kultant inħoss li l-midja popolari qed tipproġetta angoli kemxejn differenti mir-realtà.

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Jannar ħassejt obbligu morali li nattendi għall-protesta paċifika li organizza l-Moviment xellugi, Graffitti, bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-Komunità Musulmana Maltija. Ħasra li t-temp ma kienx daqstant favorevoli, imma l-ħeġġa, id-determinazzjoni u s-sens ta' tama għall-ġejjieni kienu l-elementi

prinċipali li sawru l-għajta għas-solidarjetà mal-Poplu Palestinjan. Ħadt gost ninnota miġemgħa mdaqqsa li kienet miġbura għalenija bi ħsieb wieħed u b'vuċi soda. Kienet tinstema' l-karba mill-qalb li qed titlob ġustizzja. It-talba għall-istess ġustizzja ilha tkarkar għal snin sħaħ u sal-lum għadha tistenna u tittama. Ilmaħt ukoll ħbieb u kollegi tiegħi li niltaqa' magħhom kuljum fuq il-post tax-xogħol. Kienu jidhru mdejqa, musfara u mqanqla ħafna għax kif stqarru miegħi għandhom il-familjari tagħhom maqbuda f'Gaża. Wieħed irid jempatizza ma' dawn in-nies li bħalissa jinsabu għaddejjin minn żmien iebes u ta' qtigħ il-qalb. Jeħtieġ li nifhmu aktar xi tfisser li tkun għaddej minn żmien ta' inċertezza u għalhekk is-solidarjetà tagħna u l-kliem ta' faraġ f'dawn il-mumenti jiswa aktar minn mitqlu deheb.

Ma stajtx ma ninnotax ukoll tfal, li minn età daqshekk bikrija diġà qed jerfgħu fuq spallejhom il-piż ta' ħajja mwiegħra. B'demgħat fi xfar għajnejhom kienu qed iwasslu messaġġ ċar ħafna. Bħalhom, dawk kollha li f'pajjiżhom qed jagħmlu dak li hu possibbli biex jekk xejn jiġbdu l-attenzjoni ta' dawk kollha li qattgħu żmien il-festi jieklu, jiffesteġġjaw u jiċċelebraw il-bidu ta' sena ġdida. L-2009 ma bdietx l-istess għal dawn it-tfal u l-familji tagħhom. L-effett psikoloġiku u l-uġigħ emozzjonali huwa kbir wisq.

Matul il-mixja, wieħed seta' jinnota sens qawwi ta' devozzjoni lejn Alla, li huwa l-Akbar u l-Ħanin. Il-Ħallieq, li huwa l-ispirazzjoni ewlenija għall-bidla li hemm bżonn; għall-ġustizzja u għall-paċi. Il-ġabra kienet sħiħa u t-talb kien ġej mill-qalb. L-atmosfera kienet serena u solidali. Il-vuċijiet kienu intunati flimkien bi ħsieb komuni. Għall-kuntrarju, fit-toroq ta' Gaża żgur li kien hemm l-istorbju, it-twerwir u l-biża'. Kien hemm ukoll il-biki, id-dispjaċir u d-diqa. B'dawn il-ħsibijiet fuq moħħi, bdejt miexi lura lejn il-karozza. Dak il-ħin, ħassejtni utli li tajt l-għajnuna tiegħi f'waħda mill-aktar kawżi ġusti u soċjali li nemmen fihom.

Jeħtieġ li titrawwem kuxjenza aktar sensibbli lejn dawk kollha li qed ibatu madwarna. Filwaqt li għandna nirringrazzjaw 'l Alla għal dak kollu li pprovdilna, irridu nifhmu li s-sens uman jitlob aktar minn hekk. Ma nistgħux ninsew il-ħtiġijiet tal-oħrajn li qed jgħixu fl-istess dinja tonda magħna. Irridu nkunu l-missjunarji tal-paċi għal dinja stramba, li mhux dejjem takkomodana. Nemmen bis-sħiħ li għandna nuru aktar simpatija ma' ħutna l-bnedmin. Dan kollu li qed jiġri madwarna huwa r-riżultat tal-egoiżmu u s-suppervja; tal-poter u l-abbuż. L-isfortuna hi li min m'għandux vuċi jew min saħansitra serqulu l-vuċi, qiegħed ibati għax spiċċa priġunier f'daru stess.

Fl-aħħarnett, irrid nappella lill-poplu Malti biex jingħaqad f'din il-kawża ġusta tal-Palestinjani u joffri l-għajnuna tiegħu kemm meta jissejħu protesti simboliċi, kif ukoll b'kull xorta ta' għajnuna possibbli, speċjalment permezz tat-talb favur il-paċi u l-ġustizzja soċjali.